**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg ]**

**vs**

**Leonardo Balzan**

**Kumpilazzjoni Numru: 707/2013**

**Illum, 13 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Leonardo Balzan detentur tal-karta tal-identita` numru 628058M.

Akkuzat talli:

> Fl-24 ta' Lulju 2013, ghall-habta tad-09:00 hrs gewwa l-impjant Polidano Group li jinsab f'Hal Farrug limiti tas-Siggiewi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Vincenzo Micallef f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi li tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Vincenzo Micallef mill-Pieta` liema griehi gew iccertifikati verbalment bhala gravi u perdurata u li tista' iggib il-mewt, minn Dr Michael Spiteri MD (2666) tabib tal-emergenza gewwa l-Isptar Mater Dei.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih; u

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati erbgha (4) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja u fejn ra li ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(1) Fl-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tittratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta fuq glieda bejn zewg irgiel fuq il-post tax-xoghol taghhom nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2013 fejn wiehed minnhom u cioe` Vincenzo Micallef garrab griehi gravi b'konsegwenza ta' daqqa go wiccu mill-imputat li kkagunat lill-vittma li jitlef il-bilanc u jaqa' mal-art u jahbat rasu.

Illi biex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li

jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu anke dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna.

Fil-fatt fi kliem il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226) jinghad illi:

> ***« The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible".***

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **<u>Il-Pulizija vs Jonathan Gatt</u>** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."***

Illi ghalhekk gie stabbilit illi biex l-imputat jinstab hati ta' dawn l-akkuzi u cioe` offizi gravi volontarji irid ikun hemm intenzjoni generali li twegga' minghajr ma

wiehed jidhol f'dibattiti jekk l-oggett finali kienx intenzjonat li jkun offizi gravi, gravissimi jew xort'ohra.

Issa pero` dan ma jibbastax sabiex tissussisti din l-akkuza. Il-prosekuzzjoni kellha fil-fatt tipprova wkoll l-element intenzjonali li kellu l-imputat meta wettaq ir-reat. Oramaj hu stabbilit illi il-vittma Vincenzo Micallef garrab griehi gravi tant illi ghal xi jiem kien fit-Taqsima Intensiva tal-Isptar Mater Dei minhabba l-lezjoni li kellu f'rasu. Dan gie ampjament dokumentat minn relazzjoni tal-espert Dr Mario Scerri li tinsab fl-atti a fol 149 tal-process.

Illi dan l-element intenzjonali huwa importanti sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat kellux l-intenzjoni generali li jwegga' jew jekk kellux xi intenzjoni ohra bhal per ezempju l-intenzjoni li jirripella lill-vittma u dan minhabba l-argument li kienu qeghdin fih u wara illi l-istess parte civile kien ghajjar lill-imputat.

Illi mix-xhieda ta' **Emanuel Portelli** illi jahdem mal-imputat u mal-vittma qal illi kien hemm xi disgwid bejn l-imputat u l-*foreman* taghhom Michael u gie il-vittma biex jintervjeni u l-imputat qalli xi kliem bhal *«inti tindahalx, inti egojist, inti oqghod kwiet»* u tah daqqa ta' harta b'idu miftuha. Ix-xhud jispjega illi din id-daqqa nghatat go wicc il-vittma Vincenzo Micallef. Dan jghid illi per konsegwenza tad-daqqa Censu (Vincenzo) waqa' mal-art b'lura u gie ghal rasu.

Xhud iehor li ra l-incident isehh u cioe` **David Pace** qal illi testwalment is-segwenti (fol 31 tal-process):

> ***"Ghal habta ta' bejn it-tmienja u nofs (8:00 – 8:30). Naf li kien qabel il-break tad-disgha (9:00). Jiena kont hdejn Michael Axiaq li huwa l-foreman taghna. Naf li kien hemm Leli Portelli, Alfred Borg dak il-hin u kien riesaq Vince Micallef. Sewwa? Xi tlett metri jew erba' metri 'l boghod minnha kien hemm Leonard Balzan. Naf li dak il-hin resaq lejna u kien hemm xi argument mal-foreman. Qabez Vince Micallef u qallu, "Ha nghidlek jien ghax int bniedem egoist". Naf li dak il-hin tah daqqa, li jiena ghalija daqqa ta' harta, waqa' mal-art, habat rasu."***

Xehed ukoll **Michael Axiaq** li kkonferma dak li ntqal mix-xhieda l-ohra u kkonferma wkoll illi Vince Micallef indahal go argument zghir li kien hemm bejn ix-xhud u l-imputat u wara li Vince ghajjar lill-imputat "egojist" quddiem in-nies, huwa fajjar daqqa ta' harta fuq wicc il-vittma bil-konsegwenza li waqa' mal-art ghal rasu u din laqtet speci ta' targa li kien hemm mal-art.

Illi x-xhieda tal-vittma **Vincenzo Micallef** ma tat l-ebda dawl ghal dawn il-proceduri stante illi huwa ma ftakar xejn minn dak li gara.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Leonardo Balzan** fejn dan spjega kif hu kien f'diskurstata minhabba t-tqassim tax-xoghol ma' Michael Axiaq meta f'hin minnhom intervjena il-vittma Vincenzo Micallef fejn dan ghajjar lill-imputat "egojist" u l-imputat qallu biex ma jindahalx. Meta Micallef rega' qallu l-istess

kliem, l-imputat ta' daqqa ta' harta fuq wicc Micallef bil-konsegwenza li dan waqa' mal-art u qasam rasu.

Illi kif qal ben tajjeb l-avukat tal-parte civile, dan ma huwiex kaz illi l-imputat kien qed jagixxi b'legittima difiza jew b'xi passjoni istantaneja ghaliex l-intervent tal-parte civile ma kienx tali illi l-imputat seta' hassu f'perikolu ghal hajjtu jew proprjeta` tieghu jew li dan ghamillu xi haga gravi tant illi kkreja fl-imputat dik il-passjoni istantaneja li kien ikun skuzat tal-azzjoni tieghu.

Illi dan kien jigri li kieku il-parte civile pprovokah b'tali mod illi persuna normali tagixxi b'dak il-mod. Izda dan ma sehhx. Illi fi kliem l-imputat fix-xhieda tieghu, il-parte civile l-anqas kwazi biss ghajjru izda qallu dawk il-kliem, mela wisq aktar l-imputat ma kienx skuzat tallu taha dik id-daqqa ta' harta bil-konsegwenzi li tali kkagunatlu.

Illi certament l-imputat ma pprevjenix il-konsegwenzi tal-agir tieghu izda huwa car illi f'dak il-mument l-imputat kellu f'mohhu l-intenzjoni generika li jwegga'; anke b'mod legger; lill-parte civile Nazzareno Micallef.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat Leonardo Balzan hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmien (8)

xhur prigunerija sospizi ghal hmistax-il (15) xahar. Inoltre` u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali tal-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri ghas-somma ta' elf u disgha u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,079.81) li ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**